**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 18 ta' Marzu 2025

**Il-Pulizija**
(Spettur Lydon Zammit Spettur Michael Vella)
**vs**
**Vladimir Stankovic**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0560586M)

**Il-Qorti,**

Rat li Vladimir Stankovic ta' 35 sena, iben Klara Bianchi, imwieled ġewwa s-Serbia, fil-25 ta' Marzu 1989 u detentur tal-Karta ta' l-identita Serba 012450053 u residenti 28, Douglas House, Flat 6, Triq Sur Fons, San Ġiljan, tressaq taħt arrest u ġie akkużat:

l. Talli nhar is-sebgħa (7) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2025) bejn 09:00hrs u 12:00hrs ġewwa Sliema u / jew f'diversi nħawi f'dawn il-Gżejjer żamm f'xi fond jew fid-dintorni tiegħu jew kellu fil-pussess tiegħu u / jew ġarr barra minn xi fond xi arma tan-nar, jew munizzjoni elenkati fl-iskeda II mingħajr ma kellu liċenzja taħt Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Malta) Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D fid-digriet tagħha tat-12 ta' Mejju 2017 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tordna s-sospensjoni ta' kull liċenzja taħt il-Kapitolu 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li din 1-Onorabli Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Il-Qorti ġiet finalment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-ġdid.

Rat li l-prosekuzzjoni filwaqt li esebew id-dokumenti u 1-fedina penali ta' l-imsemmi Vladimir Stankovic talbu li dan il-każ jigi nvestigat skond il-liġi.

Rat li fis-seduta tat-18 ta Marzu 2025, l-imputat ammetta l-akkużi u wara li l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u tat ukoll żmien lill-imputat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Semgħat is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-akkużi fi stadju bikri tal-proċeduri, lill-partijiet qablu kulħadd kellu problema li ilu jiġġieled għal dawn l-aħħar snin, u fil-fatt huwa għamel programm residenzjali ġewwa San Blas taħt l-awspiċju tal-Caritas, u dan l-inċident kien propju dovut għal *relapse* li kellu. Ikkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat għażel li jissottometti ruħu għal Ordni ta' Trattament.

Il-Qorti finalment ikkunsidrat li l-imputat bl-ebda mod ma irreżista l-arrest u ikkopera mal-uffiċjali tal-Lesa u mal-Pulizija, u dan avolja kien fi stat aġitat tant li kellu jittieħed u nżamm għal perjodi qasir l-isptar għal kura jew osservazzjoni. Jirriżulta mill-atti ppreżentati quddiem din il-Qorti, speċifikament mill-filmat fejn l-imputat jidher kienet jgħaddi hu stess l-arma li l-uffiċjali tal-Lesa. Din il-Qorti se tieħu in konsiderazzjoni dawn il-fatti fir-rigward tat-talba għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 49 u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat stess il-Qorti ssib lill-imputat Vladimir Stankovic detentur tal-karta ta' l-identità Serba bin-numru 012450053, ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u bħala reċidiv ai termini tal-imsemmi artikolu 49(1) tal-Kapitolu 9 tikkundannah għal piena ta' disgħa (9) xhur priġunerija effettivi.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ta' l-arma esibita waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Frar elfejn ħamsa u għoxrin (2025).

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna t-tħassir ta' kull liċenzja mogħtija lill-ħati taħt il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u tipprojbixxi lill-ħati milli jkollu liċenzja maħruġa taħt il-Kapitolu 480 għal-perjodu ta' ħames (5) snin minn din is-sentenza.

In oltre ai termini ta' l-Artikolu 412D tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament, dwar il-vizzju tad-drogi, u dan għal perijodu ta' tmintax il-xahar (18) skont il-kundizzjonijiet fid-digriet ta' din il-Qorti tal-lum stess u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza, f'liema żmien huwa għandu joqgħod għar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation li jiġi maħtur mid-Direttur tal-Probation u Parole. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti fissret ukoll fi kliem sempliċi lill-ħati l-effetti ta' din l-Ordni.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, fiċ-ċirkostanzi tal-każ u konsiderando ukoll il-piena diġa erogata din il-Qorti mhux se tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill arrest jew tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes depożitati jew mogħtija bħala garanzija għal-benefiċċju mogħti lilu mill-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti finalment tordna l-komunika ta' din is-sentenza u ordnijiet maħruġa llum u li jifformaw parti minnha lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jiġi assenjat Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati, kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija fir-rigward tal-iskwalifika u projbizzjoni dwar liċenzji msemmija f'din is-sentenza.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li ma jirriżultax mill-atti proċesswali li ġew maħtura xi esperti jew periti.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------